KUNSILL LOKALI NADUR

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur

## DISA' (9) LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru Tmienja (8)

## It-Tlieta, 7 ta' Jannar 2020

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq it-Tramuntana, Nadur (Għawdex), fil-5:00pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Joseph Vella | Kunsillier |
| Jean Paul Portelli | Kunsillier |
| Josef Camilleri | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |

**ASSENTI:**

Ħadd

**SKUŻATI:**

| | |
|---|---|
| Matthias Mercieca | Ambaxxatur taż-Żgħazagħ |

**MINUTI**

Il-laqgħa bdiet b'talba.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**08.1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Ma kienx hem ittri ta' apoloġiji. Il-Kunsillier Josef Camilleri informa li ser ikun ftit tard minħabba funeral.

**08.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tas-seba' (7) laqgħa tat-3 ta' Diċembru,2019 ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokument uffiċjali. Dawn kienu ntbagħtu lil Kunsilliera bil-quddiem għall-kunsiderazzjoni tagħhom.

**08.3. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti;**

Is-Sindku ta update dwar l-Allokazzjoni Finanzjarja. Din is-sena l-Kunsill tan-Nadur mhux ser jingħata €10,000 ta' zona turistika. L-Allokazzjoni tas-sena 2020 hija ta' €514,000 (€128,000 per quarter). Fis-sena 2019 kienet ta' €497,000. Mill-allokazzjoni tal-2020 pero jridu jitħallsu madwar €20,000 tipping fees tal-wasteserv. Dan il-ħin kien hemm diskussjoni bejn il-Kunsilliera li kif qed titqassam l-allokazzjoni l-Kunsilli qed jiġu marbutin li ma jkun jista jsir xejn aktar hlief maintenance, amministrazzjoni u indafa. Is-Sindku tkellem fuq il-lista ta' kif tqassmet it-tabella lin-Nadur ta' kif għandhom jintafqu l-finanzi u qal li mhux jagħmel sens u qed niġu b'idejna marbuta. Hawnhekk il-Viċi Sindku saħaq li għandna nitkellmu dwar dan u infatti ser ikun qed iqajjem dan il-punt fil-Parlament waqt seduta tas-Sindki li ghaliha s-Sindku talbu li jattendi. Il-Vici Sindku sahaq ukoll li bhala regjun ser issir pressjoni biex il-Gvern jaghmel tajjeb ghal zidiet fil-pagi. Joseph Vella qal li sakemm hemm qbil bejn il-Kunsill kollu ma jarax problemi biex immexxu b'dak li hu ta' gid ghar-rahal.

Daħlu €2,700 ta' l-Iskema tal-libreriji u €1,500 ta' GSD u €1,077 WSC ta' Triq Zrajk fl-accounts tal-Kunsill. Għadna irridu ndaħħlu €4,000 Halloween, €2,000 Central Bank Balance, €4,800 LESA Balance. Is-Segretarja qed taħdem fuq il-flus tal-Halloween, u qed naraw fuq il-co-financing tar-Rural Roads jekk għandniex aktar.

Kien hemm xi kontijiet li daħlu fl-aħħar ġurnata u dawn ġew spjegati lil Kunsilliera u aċċettati sabiex jidħlu fl-iskeda. Kien hem qbil unanimu fuq l-iskeda pprezentati u dawn ġew iffirmati.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

**08.4. Komunikazzjoni mis-Sindku, Mistoqsijiet u Updates mill-Kunsilliera.**
Dan il-ħin is-Sindku talab lil Kunsilliera biex jiġi diskuss l-Ambaxxatur taz-Zgħazagħ l-ġdid aktar tard f'din il-laqgħa. Kien hemm qbil unanimu.

***Is-Sindku ppreżenta dawn l-iżviluppi:***

08.4.1**.** Aperturi Kunsill – Dawn għadhom ma bdewx.

08.4.2. Patching – sar f'diversi toroq.

08.4.3. Qtugh ħaxix – Sar f'diversi toroq.

08.4.4. Zbir sigar Karkanja- Dawn lesti.

08.4.5. Pending: Bankina Triq San Gwann, Bozza Triq Rabat, Titwitta Triq f'Ta Xhajma, Bozza Triq Hanaq, Kurduna Triq Piju Cellini.

08.4.6 Talbiet yellow lines- Triq San Blas- kien hemm qbil fuq din, Triq Papa Ljun- kien hemm qbil fuq din u Triq Said – kien hemm qbil li linja issir biss ma gemb il-garage u mhux faċċata.

08.4.7 Bonuses Ħaddiema- Kien hemm qbil li Segretarju Ezekuttiv tingħata l-ammont kollu skond il-liġi 10%, u l-ħaddiema Saviour Xiberras u l-iskrivan Peter Ray Said jingħataw l-ammont kollu skond il-liġi ta' 6%.

08.4.8 Vacation Leave Ħaddiema pendenti għal sena 2020- Salvu 310.70hrs u 115.50hrs. Kien hemm qbil fuqhom.

08.4.9 Monti - Il-Kunsill se jibgħat ittra lil tal-Monti biex iħallsu l-mizata għas-sena 2020 kif ukoll 30euro għal l-indafa u amministrazzjoni. Kien hemm qbil fuq dan.

08.4.10. Rigward talbiet mill-Viċi Sindku: Bozza cimiterju ta' Kenuna waslet u kemm teħel; Siġar ħdejn ċimiterju qed jitlob permess il-Perit; bankina Triq Duru fil-process; yellow lines Triq Kenuna approvati; Tarag f'Rampa Agius de Soldanis – ma iriduhx għalissa; Cint Ramla huwa lest. Pendenti: Sement Triq Rabat, Patch Triq Knisja, Ħajt Daħlet Qorrot,

08.4.11. Rigward talbiet minn Jean Paul Portelli: Gebel fuq ċint Daħlet Qorrot – ma sibnix fejn; Bozoz Pjazzetta- ġie nnutat li dawn lesti. Pendenti: Gibjun tal-Pjazza.

08.4.12. Rigward talbiet minn Joseph Vella: Floodlight ħdejn skola weħlet; cover bozza fi Triq San Gwann fil-process. Pendenti: Bankini San Gwann (fil-process) u Dun Gwann Camilleri, bozza Triq Knisja- ser mmexxu. Joseph Vella talab li ssir bankina ta Dun Gwann Camilleri qabel.

08.4.13. Rigward talbiet minn Josef Camilleri: Bankina ta' Triq Xjuf ir-Rih din lesta; rampa Triq Xandriku fil-process; yellow lines Triq Diċembru 13 – qed isiru; sement taht bankina Grunju lesta; Patching Daħlet Qorrot lest. Pendenti: Maintenance Sopu.

Hawnhekk il-Viċi Sindku ppreżenta dettalji dwar dak li ġie diskuss fil-Laqgħa tar-Reġjun. Huwa qal ukoll li bhala Kunsill qed nahdmu ferm tajjeb u dejjem aggornati mis-Sindku b'kollox. Il-kunsilliera kollha qablu ma dawn ir-rimarki.

**07.5. Korrispondenza.**

| | |
|---|---|
| 6425 | Ittra mingħand Dr Manuel Borda ghal informazzjoni ghal studju tieghu |
| 6426 | Cirk 22/2019- Onorarju u allowances, attendenza għal laqghat tal-Kunsilli, ħinijiet tal-laqghat tal-Kunsill |
| 6427 | Direttiva nr. 7/2019- Risk assessment tal-playing fields madwar Malta u Għawdex |
| 6428 | Cirk. 23/2019- Allokazzjoni Finanzjarju għal 2020 |
| 6429 | Direttiva 08/2019- Servizz ta' knis fil-Lokalitajiet |
| 6430 | Stedina lis-Sindku ghal laqgha min Seg. Parl. Silvio Parnis fil-Parlament- Ser jattendu l-Viċi Sindku-Eucharist Camilleri u l-Kunsillier John Paul Portelli. |

Il-Vici Sindku rrimarka dwar applikazzjonijiet ta' zvilupp mal-Planning. Gie spjegat li dawn ikunu dejjem online.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**08.6. Wasteserv Kerbside Truck- Pjan għas-sena 2020;**

Kien hemm qbil li ssir din ir-roster u tiġi pubblikata:-

Jannar – Fil-Pjazza 28 ta' April 1688

Frar – Fil-Pjazza 28 ta' April 1688

Marzu – Tal-Ħali

April – Ta'Kenuna

Mejju – Fil-Pjazza 28 ta' April 1688

Gunju – San Blas

Lulju – Fil-Pjazza 28 ta' April 1688

Awissu – Tal-Ħali

Settembru – Fil-Pjazza 28 ta' April 1688

Ottubru – San Blas

Novembru – Kenuna

Dicembru – Fil-Pjazza 28 ta' April 1688

**08.7. Offerti Pubbliċi.**

**NLC/12/2020-** Quotation for Lighting of central streets during Carnival 2020. Ġiet approvata l-unika kwotazzjoni konformi ta' D Illumination Ltd għall-prezz ta' €1,950.

**NLC/13/2020-** Quotation for hire of mobile toilets for Carnival 2020- Ġiet approvata l-unika kwotazzjoni konformi ta' Joseph Refalo għall-prezz ta' €14.25/mobile toilet.

**NLC/14/2020**- Quotation for the provision of and operation Public Address system & DJ Services during Nadur Carnival 2020- Ġiet approvata l-unika kwotazzjoni konformi ta' High End Sound għall-prezz ta' €9,500.

**NLC/15/2020**- Quotation for street cleaning during Nadur Carnival 2020- Ġiet approvata l-unika kwotazzjoni konformi ta’ Maria Magro għall-prezz ta’ €4,100.

Tender Resurfacing Triq ir-Ramla- Kien hem qbil li fuq il-board ikun hemm il-Perit Edward Scerri, Dr. Joshua Grech, Sue-Ellen Bugeja u William Sultana.

**08.8. Attivitajiet, Inizzjattivi u Ħidma Socjali.**

**08.08.1 LESA Funding – Attivitajiet fil-Librerija:**

Irridu nirreklamaw il-programm fi Frar. Joseph Vella rega spjega il-programm u s-Sindku talbu jiffinalizza kollox fil-granet li gejjin.

**08.08.2 Charter Tisno - Libraries:**

Is-Sindku spjega li ser ikun hem laqgħa nhar is-Sibt dwar dan u jkun hemm update fuq dan fil-laqgħa li jmiss.

**08.08.3 Milied: Event Santa Claus-post mortem**

Din l-attivita’ kienet ta’ suċċess. Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri issuġġerixxa li għal sena oħra ikun hemm xi daqaqqa u kafe l-antika, siġġu bid-dwal għal ritratti u forsi aktar stands. Il-Kunsillier Jean Paul issuġġerixxa li nipprovaw ingibu kmamar apposta. Joseph Vella rrimarka li aktar ma ikun hemm stands aktar nattiraw nies. Josef Camilleri fahhar hafna l-attivita u rrimarka li hu ghen fis-setup. Is-Sindku sahaq li issa irridu nibdlu totalment il-kuncett biex nzommuha hajja u tajba. Kien hemm qbil fuq dan.

**08.08.4 Nadur 8k:-post-mortem-**

Matthias Mercieca qal li kien hemm numru kbir ta’ zgħazagħ jgħinu għal din l-attivita’u dan jawgura tajjeb. Joseph Vella fahhar l-attivita u ssuggerixxa li nibdew nuzaw Sistema ta walky-talky. Is-Sindku qal li kien hemm tifhir kbir ukoll fuq l-medalja u li l-marshalls li kienu zgħazagħ spiċċaw jgħidu grazzi talli hadu sehem ukoll. Il-Viċi Sindku qal li kieku sew ikun hemm aktar pubbliċita’ wara l-attivita’ ukoll fuq ċertu attivitajiet tal-Kunsill. Kien

hemm qbil fuq dan. Josef Camilleri ma jaqbilx ma zmien il-Milied ghax jonqsu il-partecipanti. Kien hemm qbil li din is-sena 8K tkun wara l-Halloween.

**08.08.5 Karnival:-**

Is-Sindku innota li il-Poster ser tkun lesta dil-gimgħa minn Paul Portelli u nagħmlu event fuq facebook wara. Sa issa għandna hilarious zfin x6, maskeruni x2, karru re jagħtina risposta ħmistax qabel, zfin kbar x3, zfin tfal x3, dan u san sketches. Il-Kunsillier Jean Paul Portelli ser jiehu ħsieb jikkordina l-Kukkanja u l-Bull fuq il-post. Kien hemm qbil li l-Kunsill ma jgibx banda Braziljana.

**08.08.6. Attivitajiet ma' Skola Primarja:**

Is-Sindku innota li ser ikun hemm pitturi tal-Karnival li ser isiru ma year 6 li jekk ikunu lesti jintuzaw fuq il-banners. Huwa talab lil Joseph Vella jiehu hsieb Clean up ma klassi oħra u ser naraw liema sena. Kien hem qbil li year 5 jzuru l-Muzew Marittmu u s-shelter mal-Viċi Sindku-Eucharist Camilleri.

**08.08.7 Mnarja 2020**

Ser issir laqgħa rigward l-attivita' tat-tfal.

**08.08.8 Festa San Blas**

Kien hemm qbil li din il-festa tkun bil-Kollaborazzjoni tal-Kunsill.

**08.08.9 Ħarga Anzjani**

Din ser tkun Ħad Dingli fit-3 ta' Frar.

**08.9 Charter u Ġemellaġġi 2020:**

**Charter:**

L-Annual Meeting ser isir f'Lulju fi Spanja. Ser ikun hemm 4 adulti u 4 żgħażagħ. Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri ta update fuq il-Presidum meeting li kellu fejn fost l-ohrajn se tizdied l-Annual fee ghal €500 u il-programm tal-Adulti gie approvat. Se ikun hemm Youth Meeting fi Sweden f'Awissu.

**Gemellaggi:**

Cicciano: Grupp bejn id-dati 29 ta' Mejju u 2 ta' Ġunju. Kullhadd iħallas il-flights tiegħu. Ser tiġi pubblikata dilwaqt. Kien hemm qbil li nkopru l-ispejjez tal-Kunsilliera u staff li ser jattendu. Dan ser ifakkar l-20 sena mill-gemellagg.

Zafferana: Is-Sindku għadu qed jistenna mingħand it-tour leader Ron Briffa sabiex jaghti aktar dettalji.

Baveno: Is-Sindku spjega li qed jinħadem program ma' Mark Azzopardi biex nibgħatu proposta ghal skambju bl-iskejjel.

Kien hemm qbil unanimu fuq dan kollu.

Ambaxxatur taz-Zgħazagħ- Is-Sindku spjega li issa Matthias Mercieca wasal fl-ahhar tat-terminu tieghu rridu nahsbu f'persuna ohra ghal warajh. Huwa ppropona lil Owen Bugeja peress li imdaħħal ħafna fl-attivitajiet li l-Kunsill jorganizza, u attiv f'diversi oqsma fir-rahal. L-Ambaxxatur taz-Zgħazagħ prezenti ukoll qabel li dan huwa persuna valida ħafna għal-Kunsill. Il-Kunsillier Joseph Vella issekonda din il-mozzjoni u kien hemm qbil mill-Kunsill kollu dwaru.

**08.10 Child Care Centre:**

Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri spjega li tkellem mal-Madam tal-iskola Primarja tan-Nadur u qaltlu biex nibgħatu l-ewwel ittra lil Principal ta' Għawdex. Hija ma ssib l-ebda oggezzjoni minn

naha taghha. Kien hemm qbil li nitolbu lil Dr. Chris Said sabiex jghin nfasslu ittra li tintbghat lil Education. Kien hem qbil fuq dan kollu.

**08.11 Żviluppi dwar Proġetti u Xogħolijiet Oħra.**

08.11.01 Live Streaming- Kien hemm qbil li tintgħazel il-kwotazzjoni tal-kuntrattur prezenti Paul Portelli peress li diga qed jiehu hsieb il-live streaming hu.

08.11.02 AED – applikajna għal oħra mingħand ir-Regjun għal Għawdex għal Tal- Ħali.

08.11.03 Gew Approvati bidliet fil-Community Centre Hali mill-Planning Authority.

08.11.04 Triq Lourdes – saret il-patch bit-tarmak.

08.11.05 Triq Vnuta – sar patching bis-sement.

08.11.06 Zviluppi dwar Triq Fatima u Triq Kenuna – ghadna nistennew li jibda ix-xogħol.

08.11.07 Zviluppi dwar Triq bajja San Blas – Perit kellu jiltaqa' mal-kuntrattur.

08.11.08 Zviluppi dwar Triq ir-Ramla – tender qed jigi vetted.

08.11.09 Triq Emigranti u Cocco Palmeri – qed nistennew stimi mil-Perit. Kien hemm qbil li ngibu stimi ta' San Guzepp, San Koronatu (tieni kisja), Hanaq (tieni kisja), u l-ewwel parti ta' Dahlet Qorrot.

08.11.10 Triq il- Buskett – se issir site-visit fuq din it-Triq.

08.11.11 Pending: Gnien Kenuna dawl; Festun tal-fiss fil-Pjazzetta; Ashtray Bins Pjazza; Monument Karnival railing; Fossa gnien kunsill; Bus shelter pjazza (perit b'hafna riservi).

**08.12. Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku.**

08.12.1 Sindku – Talba għal yellow lines ma gemb garaxx fi Triq Ħanaq. Kien hemm qbil.

08.12.2 Sindku – Talba għal yellow lines hdejn niċċa tal-Madonna ta' Pinu fil-kantuniera. Kien hemm qbil.

08.12.3 Sindku- Talba għal yellow llines quddiem rampi tal-belvedere Gnienil-Kunsill- Kien hemm qbil.

08.12.4 Sindku- Talba għal dog bin fi Triq Xini. Kien hemm qbil.
08.12.5 Sindku- Tabella dangerous steep road fi Triq Sopu għal-Wied Bingemma. Kien hemm qbil.
08.12.6 Eucharist Camilleri – talba għal dawl temporarju fi Triq ta' Burdin. Ser jintbghat email lil awtoritajiet.
08.12.7 Eucharist Camilleri- talba għal sinjali ta' l-art fi Triq Duru u Xini. Se nkellmu lil TM.
08.12.8 Eucharist Camilleri- talba għal attivita' fil-Knisja –kuncert. Il-Kunsill ser jibghat ittra lil Arcipriet.
08.12.9 Joseph Vella – reminder rigward laqgha mal-kumitat tal-Knisja fuq attivita' tal-istatwa.
08.12.10 Jean Paul Portelli – talba għal double lines fi Triq San Blas – gie mitlub jghidilhom dwar karti tat-tabib.
08.12.11 Jean Paul Portelli – Talba għal Falcon show and car show. Kien hemm qbil.

**08.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa spiċċat fit-8:00p.m. Il-Kunsill kollu qabel li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 4 ta' Jannar, 2020 fil-5:00pm. Ikla u drinks tal-Milied ta' Staff- Il-Gimgħa 31 ta' Jannar l-Oleander ix-Xagħra.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva